# Kunsill Lokali Kalkara ( Kalkara Local Council )

1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara. Malta KKR1330
Email: kalkara.lc@gov.mt Tel. No: 0035621665500
Website: www.kalkaralocalcouncil.com Fax. No: 0035621665566

Seduta Nru: 5/09-10

Data: 19 ta' Novembru 2009

Hin: 17.30p.m

Post: Ufficcju tal-Kunsill Lokali

Membri Prezenti : Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi - Kunsillier

Minuti :

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Minuti tas-seduta gew approvati bi proposta tas-Sindku Michael Cohen sekondat mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

## 2. Mill-Minuti:-

2.1 Is-Sindku semma li l-Kumitat tal-Kazin Circolo San Giuseppe, Socjeta Filarmonika Sagra Familja inbidel u l-President issa sar is-Sur Noel Mallan u s-Segretarju baqgha is-Sur Duncan Brincat. Is-Sindku informa l-Kunsill li hu talab laqgha mal-President il-gdid.

2.2 Il-Fiera tas-Sultan - Is-Sindku semma li b'mod ingenerali l-attivita tal-Parrocca marret tajjeb u huwa nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ghen billi offra l-premises, dawl, hlas tal-posters u ghen f'diversi arrangamenti ohra.

2.3 Skema ta' separazzjoni ta' skart - Il-kumpannija GreenPak kellhom strategija ahjar minn dik li bdew joffru l-GreenMT. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li l-leaflets li tqassmu bieb bieb intlaqghu tajjeb man-nies. Is-Sindku semma wkoll li l-GreenPak qed joffru bottle crashers b'sussidju skond l-ammont li jigi ordnat u l-prezz jista jigi sussidjat mill-Kunsill ukoll. Is-Sindku qal li ghandu jsir incentiv man-nies sabiex dawn jigu mhajjara jirriciklaw aktar l-iskart. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li tqassmu aktar sets ta' Bring in Sites f'areas ohra. Dawn tpoggew fi Triq il-Missjoni Taljana u Triq it-Turretta. Meta titlesta t-Triq il-gdida jitpogga set iehor f'dik l-area. Dwar is-set ta'

Triq il-Missjoni Taljana kien hemm ilment minn resident li joqghod fil-vicinanzi minhabba l-ammont ta' hgieg li qed ikun hemm mad-dawra taghhom. Is-Sindku qal li ghandu jsir kuntatt mal-kuntrattur sabiex meta jbattal inaddaf mad-dawra. Il-Kunsilliera Speranza Chircop ressqet is-suggeriment li jitpogga set izghar ta' Bring in Site fir-Rinella Housing Estate. Is-Sindku qal li ghandhom jitpoggew sets zghar fl-area imsemmija. Il-Vici Sindku Norbert Grech staqsa meta se tinbidel l-iskip ta' Triq Santu Rokku. Is-Sindku qal li fil-gimghat li gejjin din ghandha tinbidel.

2.4. Pjanti tac-Centru Civiku

Il-Kunsilliera raw il-pjanti u s-Sindku qal li min ghandu xi proposti li jixtieq jghaddi, jista jaghmel dan. Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li waqt il-laqgha tal-Kunsill tal-Iskola tkellmet mal-membri u ssuggeriet li ssir laqgha mal-Kunsill ghas-suggerimenti taghhom. Is-Sindku qal li kif il-Kunsill ikollu l-pjanta riveduta issir laqgha mal-Kunsill tal-Iskola.

Is-Sindku ressaq lill-Kunsill xi tibdil fil-pjanta bhal post tal-berga , jitnaqqas id-daqs tal-waiting area tac-childcare centre u jsir tarag intern li jkun jaghti ghall-iskola.

Dwar il-process tad-devoluzzjoni is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-25 ta' Novembru ser issir laqgha mat-tlett Ministri kkoncernati fil-parlament. Fl-istess data ser issir id-diskussjoni fuq id-devoluzzjoni tac-Cimiterju.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed isiru diskussjonijiet mal-banek minhabba l-kaz tas-self fit-tul ghal dan il-progett. Huwa nforma lill-Kunsill li fir-riforma tal-Kunsilli Lokali sar b'obbligu li fil-kaz li s-self ikun ghal aktar minn tmien snin il-Kunsill ghandu jaghmel referendum mar-residenti.

2.5. Gemellagg

Is-Sindku qal li Is-Sur Ronald Galea ta' Dar il-Wens ghandu jiftiehem mat-taljani fuq il-possibilita ta' mawra ghall-persuni b'dizabilita kull sena recciprokata miz-zewg lokalitajiet.

Il-Kunsilliera Maria Sultana semmiet li l-Kap tal-Iskola bghatet email lil-Kap tal-Iskola ta' Crespellano sabiex ikunu jistghu jaghmlu uzu mill-programm ekoskola ghall-korrispondenza bejniethom.

Is-Sindku qal li kif jigu konkluzi dawn iz-zewg progetti isir kordinament ghall-programm tal-istudju tal-Ingliz.

## 3. Korrispondenza

3.1 Estenzjoni tal-Kuntratt - Il-kunsill qabel li l-kuntratt ta' Charlo Grech jigi estiz ghal sena ohra.

3.2 Progett Attivitajiet Kulturali - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba taghna giet milqugha u l-isfilata kulturali (folkloristika)mat-toroq Kalkarizi ser issir nhar it-28 ta' Jannar 2009 fis-7.00 ta' filghaxija.

Il-Kunsilliera Speranza Chircop issuggeriet li tizzejjen id-dahla tal-Kalkara ghal Milied.

3.3 Kampanja Lokalitajiet Indaf - Is-Sindku ressaq il-korrispondenza mid-dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill Lokali inghata 600 ewro ghall-kampanja lokalitajiet indaf.

## 4. Approvazzjoni ta' Xogholijiet u nfieq

Giet approvata l-lista ta' pagamenti bir-ref:04/09-10

Is-Sindku ra x'hemm xogholijiet pendenti mill-aggornamenti tal-laqghat kollha u ssemmew dawn il-punti:-

- ADT - Is-Sindku qal li ghad hemm il-problema mal-Kuntrattur fuq it-Triq.
- Il-Handrail fi Triq l-Isptar Navali ghandhom isiru xi kuntatti mar-residenti.
- Mera fi Triq Guze Porcella Flores - Is-Sindku qal li diga hemm mera pero il-Kunsilliera Speranza Chircop qalet li hemm bzonn ohra f'kantuniera fi Triq Antonio Falzon
- Mera fi Triq Santu Rokku li tkissret, is-Sindku qal li peress li t-Triq hija one way, m'hemmx bzonn mera pero ghandna niccekjaw min kissirha u jsiru l-kuntatti ma min rahom sabiex naraw il-persuna hix lesta tixhed.
- Bankijiet imkissra fil-pjazzetta tas-salvatur, is-Sindku qal li dawn ghadhom ma tlestewx.
- Ghandhom isiru l-lines fi Triq Marina
- Jinzabru s-sigar fil-Pjazza Patist Borda kif ukoll dik ta mal-genb tal-knisja.
- Skall tar-Regatta - Ghandu jerga jigi l-Kuntrattur sabiex jaghmlu.
- Issir il-barrier mal-genb tad-dar fi Triq il-Missjoni Taljana kantuniera ma triq il-Luqqata.
- Ir-rampa z-zghira fil-gate tal-iskola li avolja m'hix responsabbilta tal-Kunsill peress li hi il-gewwa mill-gate, ghandha tinzebah bir-ramel peress li qed tkun ta' periklu.

## 5. Laqgha Pubblika Annwali

Is-Sindku qal li ghall-laqgha pubblika ghandu jitressaq ir-rapport ta' hidma u l-pjanijiet tal-progetti l-kbar li l-Kunsill bi hsiebu jaghmel fiz-zmien li gej.

## 6. Jum il-Kalkara

Delegazzjoni mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp giet fil-laqgha fejn tat spjegazzjoni tal-preparamenti tal-Kuncert ta' Jum il-Kalkara. Nhar id-9, l-10 u 12 ta' Dicembru hemm il-bzonn li tintuza s-sala tal-iskola ghall-provi tal-kuncert. Hemm bzonn li jigi kkuntattjat il-compare sabiex jaghmel prova mal-orkestra. Isiru reklami tal-Kuncert fil-Website kif ukoll fuq poster li jitwahhal fil-lokal. Is-Surmast Joe Abela talab li is-Surmast tal-banda l-ohra jigi mistieden formalment sabiex idoqq l-innu tal-Kalkara.

Is-Sindku qal li ghandha titlesta l-bandiera l-gdida tal-Kalkara ghal Jum il-Kalkara.

## 7. Aggornament

7.1 - Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:-

a. Is-sezzjonijiet tal-aerobika se jigu fi tmiemhom fil-15 ta' Dicembru u se jerga jibda kors iehor ta' 20 sezzjoni ta' siegha l-wahda.
b. L-attivitajiet jigu ppublikati fuq il-website tal-Kunsill.
c. Il-grada tal-iskola minn fejn jidhlu t-tfal tal-iskola z-zghar qed tizloq u anke waqghu xi nies.
d. Harga ghal Ghawdex nhar it-28 ta' Dicembru fejn inzuru l-Presepju haj t'Ghajnsielem.
e. Tinghata tifkira lil dawk rikoverati fid-djar fl-Okkazjoni ta' Jum il-Kalkara.

7.2 - Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:-

a. Progett ekoskola - Tindif tal-parti ta’ fuq tal-iskola fejn wara jsir progett fl-istess post.
b. Toqob tal-arbli - Isiru 6 tappieri sabiex jghattu t-toqob tal-arbli tal-festa fi Triq Santa Filumena
c. Isiru sinjali sofor quddiem il-garaxx iz-zghir ta’ resident fi Triq il-Gir.
d. Fl-Okkazjoni ta’ Jum il-Kalkara fejn is-soltu jinxtraw kotba lil kull klassi din is-sena tinghata donazzjoni ta’ 600 ewro sabiex nghinu fil- progett tal-Oxford Reading Tree tal-Iskola.
e. Navvicinaw Anzjani sabiex jigu ntervistati mit-tfal tal-iskola dwar l-istorja tal-Kalkara.

Il-Laqgha spiccat fid-9.00 ta’ filghaxija

M. Cohen<br>Sindku

S Galea Iriele<br>Seg Ezekuttiv